MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2011

Numru. 1230/2010

**Pulizija**
**(Spettur Mario Haber)**
**vs**
**Joseph Fenech Soler**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Joseph Fenech Soler ta’ 61 sena ta’ nazzjonalita’ Maltija, iben Emanuel mejjet u Evelyn Scerri, imwieled Hamrun, Malta, fil-31 ta’ Awwissu 1949, residenti 18, Glen Eagles Flt 2, Triq il-Gogi, Swieqi u detentur tal-karta tal-identita’ numru 683649(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fit-8 ta’ Novembru 2010 u matul l-ahhar jiem f’dawn il-gzejjer impjega jew ta xoghol lil persuni li ma kinux persuni ezenti u li ma kellhomx licenzja moghtija lilhom ghal dak l-impjieg jew xoghol skond id-dispozizzjonijiet ta’ l-Att ta’ Immigrazzjoni tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta jew mod iehor ghen jew assista persuni ezenti fl-ghemil ta’

reat mahsub taht l-Artikolu 32 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi bhala l-persuna responsabbli tax-xoghol li kien qieghed isir 'Tigne Point', Sliema impjega persuni li ma kinux cittadini ta' Malta meta dawn il-persuni ma kellhomx permess validu u ufficjali.

Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi bhala l-principal, jew il-persuna li impjegat persuni ohra, 'full-time', 'part-time' jew xort'ohra b'kuntratt definit jew indefinit jew bi prova, naqas li jinnotifika lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig b'dan l-impjieg kif hemm fl-Avviz Legali 110 tas-sena 1993(3a u 10).

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 18 ta' Novembru 2010 (esebit a fol. 9 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2011 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar il-10 ta' Marzu 2011 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 32 tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll ir-Regolamenti 3a u 10 tal-Avviz Legali 110/1993, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah multa ta’ elf mija u hamsa u sittin ewro (€1165) li b’applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta tista tithallas f’pagamenti rateali u mensili ta’ hames mija u tnejn u tmenin ewro u hamsin ewro centezmi (€582.50) b’dan illi jekk l-imputat jonqos milli jeffetwa pagament wiehed il-bilanc dovut jigi konvertit f’gurnata prigunerija ghal kull hdax-il ewro u hamsa u sittin ewro centezmu (€11.65) dovuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------